14 ta' Novembru 2019
123/2019

## KONFERENZA EWROPEA F'MALTA DWAR L-EDUKAZZJONI KATTOLIKA

Madwar 50 uffiċjal tal-iskejjel Kattoliċi fl-Ewropa li jirrappreżentaw 8.5 miljun student attendew konferenza li saret fil-Kurja tal-Arċisqof. Din ġiet organizzata mill-Kumitat Ewropew ghall-Edukazzjoni Kattolika b'kollaborazzjoni mas-Segretarjat għall-Edukazzjoni Kattolika tal-Konferenza Episkopali Maltija. Il-konferenza bdiet b'Quddiesa li tmexxiet mill-Isqof Awżiljarju Joseph Galea-Curmi.

Id-delegati minn 27 pajjiż iddiskuttew diversi temi, inizjattivi u prattiċi pożittivi relatati mal-edukazzjoni Kattolika. Huma ddiskutew ukoll il-formazzjoni tal-kapijiet edukattivi u tal-edukaturi f'soċjetà pluralista u post-sekulari.

Matul il-konferenza d-delegati laqgħu l-inizjattiva li tħabbret mill-Papa Franġisku biex f'Mejju tas-sena d-dieħla issir laqgħa internazzjonali fil-Vatikan dwar l-edukazzjoni. Din l-inizjattiva bl-isem 'Reinventing the Global Educational Alliance' għandha l-għan tistimola l-interess u d-dedikazzjoni fost dawk li jaħdmu maż-żgħażagħ, kif ukoll tħeġġeġ edukazzjoni inklussiva, djalogu kostruttiv u rispett reċiproku.

Il-parteċipanti tal-konferenza li saret f'Malta bejn il-Ġimgħa u s-Sibt, 7 u 8 ta' Novembru, jiffurmaw il-Kumitat Ewropew għall-Edukazzjoni Kattolika (European Committee for Catholic Education – ECCE). Huma jiltaqgħu għall-assemblea ġenerali tagħhom b'mod regolari waqt laqgħat li jsiru f'pajjiżi differenti tal-Ewropa.

Il-pajjiżi membri fl-ECCE huma: l-Albanija, l-Awstrija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Belġju, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, id-Danimarka, Spanja, Franza, il-Greċja, il-Kroazja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Litwanja, Malta, l-Olanda, in-Norveġja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Renju Unit, ir-Rumanija, l-Iskozja, is-Slovenja, l-Iżvezja, l-Iżvizzera u l-Ukraina.

Waqt il-laqgħa f'Malta id-delegati vvutaw biex jingħaqdu fl-OIDEL li hija għaqda mhux governattiva internazzjonali li tispeċjalizza fil-qasam edukattiv b'rappreżentanza fil-Ġnus Magħquda u fil-Kunsill tal-Ewropa. L-OIDEL tippubblika wkoll l-indiċi tal-edukazzjoni ħielsa (Freedom of Education Index). Fl-aħħar indiċi, dak tal-2018, Malta kklassifikat fir-raba' post wara l-Irlanda, in-Netherlands u l-Belġju. Dan l-indiċi fost affarjiet oħra jkejjel kemm l-iskejjel mhux governattivi, jiġifieri dawk tal-Knisja u indipendenti, huma protetti mil-liġi tal-pajjiż, kemm jirċievu sapport finanzjarju mill-gvern u l-persentaġġ ta' tfal reġistrati f'dawn l-iskejjel.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**